MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Numru 15/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Camilleri)**

**vs**

**Mario Mizzi ta' 42 sena, iben Joseph u Pauline nee Zarb , mwieled il-Pieta' fl-4 ta' Awissu, 1957,**
**u joqghod 'Mirage', Nru. 25, Triq iz-Zarzarell, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 526357 (M).**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mario Mizzi li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bejn it-8 ta' Marzu, 1992 u d-19 ta' Frar, 1994, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn mitt lira Maltin izda anqas minn elf lira Maltin mill-hanut 'Mario Hair Saloon', sitwat gewwa Nru. 26, Triq Sant'Anna, Floriana, ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, hin u ammont;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika wkoll l-artikolu 533(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi miguba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi bhal ma solitament jigri f'dawn it-tip ta' allegati reati, cioe serq ta' konsum ta' dawl, ilma jew tbaghbis fil-meters relattivi, giet ordnata inkjesta Magisterjali. Illi l-konkluzjoni tal-Magistrat Inkwirenti hija fis-sens illi toqba ma' dak konkluz mill-espert minnha nominat u cioe li ma giex stabbilit min kien responsabbli ghal dan is-serq ta'

elettriku u hsara fil-meter. Illi nonostante cio gie mressaq l-akkuzat bl-akkuza in dizamina.

Mix-xhieda li taw l-impjegati tal-Korporazzjoni jirrizulta li fil-meter kien hemm toqba rqiqa pero' ma jirrizulta ebda grif jew brix fuq id-disk. Tant li l-espert William Cassar Torreggiani kkonkluda li "l-meter kien issigillat b'sigilli tal-plastik regolatorji u nnumerati" u " illi ma kienx hemm grif la madwar it-toqba anqas fuq id-disk" (a fol 23). Aktar tard meta mistoqsi in kontroezami, l-espert tekniku wiegeb li fil-fehma tieghu il-konsum imsemmi f'pagna 4 tar-rapport tieghu kien kompatibbli mal-load anzi qal li kien aktar.

Jirrizulta wkoll li l-inspection saret fuq talba ta' l-akkuzat ghax minn single phase ried jaqleb fuq three phase. Kien minhabba din l-inspection, jekk tista' tissejjah hekk li nstabet it-toqba fil-meter fil-fond gestit minn Mario Mizzi.

Min-naha tieghu Silvio Decelis xehed li hu sab diskrepanza bejn is-snin 1992 u 1994. Qal li f'dan il-perjodu kien l-akkuzat li kien ir-registered consumer.

Xehed l-akkuzat Mario Mizzi. Qal li l-fond in kwistjoni gie f'idejh xi tlettax-il sena ilu u li kien hu li kien applika ghas-sistema three phase. Qal ukoll li l-fond qabel salon kien jintuza bhala beauty salon u pharmacy. Qal ukoll li hu sar jaf bil-meter meta wara gimghatejn li l-meter kien maghluq indunaw bit-toqba l-inspectors tal-korporazzjoni. Innega li hu qatt baghbas fil-meter.

Ikkonsidrat

Li huwa veru li mill-ezercizzju li ghamel is-Sur Decelis jidher li hemm certu diskrepanzi fis-snin mertu ta' din l-akkuza. Huwa daqstant veru li pero' kemm l-espert tekniku kien konvint li l-konsum odjern kien kompatibbli mal-load odjerna. Sa hawn seta' jghid ghax il-load precedenti specjalemnt dak li jirrisali ghaz-zmien l-akkuza mhux wiehed li jirrizulta mill-atti tal-kawza. Dan qed jinghad fil-kuntest anke ta' dak li jghid l-artikolu 264 tal-kap 9, fil-fatt zewg elementi li zgur imorru a favur l-akkuzat huwa l-fatt li kien hu li ghamel l-applikazzjoni ghall-bdil u li

l-fond minnu gestit kien jintuza ghal skopijiet diversi. Jezisti ghalhekk bizzejjed dubju li jimmilita favur l-akkuzat u ghaldaqstant huwa qed jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.